# 9 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 44

**It-Tnejn, 20 ta' Diċembru 2021**

Il-Laqgħa numru 44 saret b'mod virtwali u kif ukoll mill-bini Amministrattiv tal-Kunsill fl-20 ta' Diċembru 2021fis-6:30 ta'filgħaxija.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Stephen Sultana | Sindku |
| Is-Sur Gianluca Falzon | Viċi Sindku |
| Dott. Darren Carabott | Kunsillier |
| Is-Sur Kursten Dimech | Kunsillier |
| Is-Sur Joe Vella | Kunsillier |
| Is-Sur Silvio Vella | Kunsillier (b'mod virtwali) |

**ASSENTI b'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

| | |
|---|---|
| Is-Sa Courtney Farrugia | Kunsillier |

**ASSENTI:** Ħadd

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Michael Mifsud | Deputat Segretarju Eżekuttiv (b'mod virtwali) |

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Stephen Sultana ippresjeda l-laqgħa.

## 44.1 Qari tal-ittri t'apoloġiji

Is-Sindku nforma lill-membri li l-Kunsill ġie nfurmat b'ittra t'apoloġija mingħand Courtney Farrugia.

## 44.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa tal-Kunsill.

### 44.2.1 Approvazzjoni tal-Minuti

Minuti tat-43 laqgħa ġew approvati unanimament.

## 44.2.2 Korrezzjonijiet

**44.2.2.1** – Minuti 43.3.5 - tiżdied il-kelma "Venera" wara l-kelma "Santa"
**44.2.2.2** – Minuti 43.5.3 - il-kelma "unanimement" issir "unanimament"
**44.2.2.3** - Minuta 43.5.4 - il-kelma "hia" issir "hija"

## 44.3 Punti mqajjma mill-minuti

**44.3.1** Minuta 43.3.2 – Is-Sindku informa lill-membri li l-Kumitat tal-Banda wera interess sabiex isir l-klassijiet taż-Żumba fejn għal kull darba li tintuża s-sala l-Kunsill qed ikun mitlub iħallas €100 u għaldaqstant ġaladarba dawn il-ħlasijiet ser isiru darbtejn fix-xahar l-ispiża tal-Kunsill ser tkun ta' €200 fix-xahar. Wara diskussjoni l-membri qablu unanimament u kien hemm qbil ukoll sabiex il-Kunsill jitlob lil Sports Malta sabiex jibgħatulna lista ta' għalliema taż-Żumba sabiex isir kuntatt magħhom sabiex inkunu f'pożizzjoni li nagħżlu persuna.

**44.3.2** Minuta 43.3.5 - Is-Sindku qal li l-Attivita' tal-Milied kienet ta' suċċess u l-ispiża kienet tlaħħaq €45k fejn ħafna minn dawn il-flejjes ser ikunu rifondati mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali filwaqt li l-Kunsill ser johrog il-kumplament tal-ispiża.

Is-Sindku qal ukoll li wara li saret analiżi ta' din l-attivita irriżulta sabiex is-sena id-dieħla l-atturi hemm bżonn li jkollhom il-mikrofoni, jiżdiedu l-istalls bil-possibilta li jiżdied ukoll l-*entertainment* wara nofsinhar.

**44.3.3** Minuti 43.5.2 – Is-Sindku informa lill-membri li l-attivita' li saret lill-anzjani taċ-Ċentru ta' Matul il-Jum fl-14 ta' Diċembru ġewwa l-Bella Vista Hotel kienet ta' suċċess.

**44.3.4** Minuti 43.6.2 - Is-Sindku informa lill-membri li l-proċess tal-ismijiet tat-toroq skatta. Huwa qal ukoll li kien hemm oġġezzjoni minn naħa ta' Fr Gigi Mallia fuq il-bdil tal-isem ta' Triq il-Bir.

## 44.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

**44.4.1** Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill irċieva komunikat mingħand Dipartiment tal-Gvern Lokali sabiex bħala notifikazzjoni li l-ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv kienet ser tiskadi. Is-Sindku ppropona sabiex din il-ħatra terġa' tiġi mġedda għal tlett xhur oħra u terġa tinħareġ il-call ta' Segretarju Eżekuttiv.

Il-Membri qablu unanimament.

## 44.5 Komunikazzjoni mill-Kunsilliera

Is-Sindku informa lill-Membri li Dott. Carabott xtaq jiddiskuti din il-materja peress li kien qed ikun hemm diversi lmeti fuq l-istat tat-toroq. Is-Sindku spjega li attwalment, il-Kunsill qiegħed jipprepara t-tender tal-Bankini u *Major Patching* minħabba li t-tender skada. Apparti minhekk is-Sindku fakkar li ftit huma dawk it-toroq li fadal sabiex jiġu asfaltati u dawn huma:

- Triq il-Kanonku Bonnici
- Triq l-4 ta' Settembru 1918
- Triq il-Kbira San Ġużepp
- Triq is-Soll
- Triq il-Batterija
- Triq San Ġorġ (l' parti l-ġdida)
- Triq il-Parroċċa
- Triq Emm. Attard
- Triq in-Nagħal
- Triq l-Inkwina
- Triq il-Parata
- Triq Carini
- Triq il-Kukkanja
- Parti minn Triq l-Istitut Bonniċi
- Triq Adelaide Cini

Hawn irrimarka li allura hemm 'l fuq minn 80% tat-toroq f'Santa Venera li huma asfaltati.

## 44.6 Rapporti / Korrispondenza

**44.6.1** Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill irċieva komunikazzjoni mingħand Green Pak minħabba dwar il-Bring-in-sites sabiex minn naħa tagħhom jieħdu ownership ta CCTV li hemm fi Triq Din Xand Cortis, Triq il-Kanun u Triq Pietru Dacoutros fejn tinbidel is-sistema għas-spejjez tagħhom filwaqt il-Kunsill jieħu ħsieb l-ispiża tal-arbli u jkun hemm fee ta' €30 fix-xahar għal kull CCTV filwaqt li l-moniteraġġ isir minn naħa tagħhom.

Wara diskussjoni il-Membri qablu ma din il-proposta u ġie propost sabiex isir ftehim simili fuq il-Bins on Wheels b'mod partikolari dik li hem fi Triq il-Madonna tal-Karmnu.

**44.6.2** Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand il-Health & Safety Officer tal-FSWS fejn qiegħed ikun rakkomandat sabiex fl-uffiċini li għandhom fi Triq il-Ferrovija issir Emergency Assembly Point fil-viċinanzi tal-istess uffiċċji.

Il-Membri qablu unanimament mal-post propost.

**44.6.3** Is-Sindku informa lill-membri li l-Għaqda tan-Nar 26 ta' Lulju bagħtu korrispondenza fejn qed jitolbu sabiex l-Kunsill jorganizza attivita nhar it-30 ta' Marzu fi Triq il-Kbira San Ġużepp minn Triq il-Parroċċa sa Triq l-Imsida b'kollaborazzjoni mal-istess Għaqda. Il-Kunsill ikun irid jieħu ħsieb dawl 3 phase, Wardens, hoarding, siġġijiet u PA system.

Wara diskussjoni il-membri qablu unanimement ġaladarba jkun hemm qbil mal-Kappillan minħabba li f'dak iż-żmien inkunu fi żmien tal-Ġimgħa Mqaddsa.

**44.6.4** Is-Sindku informa lill-membri li hemm bżonn li l-Kunsill jinvesti fuq 5 laptops minħabba l-fatt li jekk ikun hemm xi każijiet fejn il-ħaddiema jkunu jridu jaħdmu mid-dar taghhom minħabba kwarantina dawn ikollhom din il-facilita u b'hekk il-Kunsill ikun xorta waħda jista' jopera.

Wara diskussjoni l-Membri qablu unanimament ma din il-proposta li jinxtraw ħames laptops fejn jinġiebu l-kwotazzjonijiet u jinxtraw mingħand min jikkwota l-irħas kwotazzjoni.

## 44.7 Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

### 44.7.1 Quarterly Report Lulju 2021 sa Settembru 2021

Is-Sindku talab lill-Accountant, Is-Sur Michael Debono, jispjega fid-dettal lill-membri preżenti r-rendikont finanzjarju dak ta' bejn Lulju u Settembru 2021.

Wara diskussjoni, is-Sindku ippropona u s-Sur Gianluca Falzon ssekonda lis-Sindku għar-rendikont finanzjarji Lulju sa Settembru 2021 filwaqt li l-membri qablu unanimament.

### 44.7.2 Estimi Finanzjarji 2022

Is-Sur Michael Debono spjega fid-dettal lill-membri tal-Kunsill l-estimi tal-bagit 2022. Kienu diskussa il-Financial Committments kollha li l-Kunsill għandu għas-sena 2022 fejn jirrigwardaw il-proġetti kapitali.

Is-Sindku ppropona l-estimi finanzjarji hekk kif kien ġie diskuss filwaqt li s-Sur Silvio Vella ssekonda lis-Sindku u l-membri qablu unanimament.

## 44.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitat u/jew Sotto Kumitati

F'din il-laqgħa ma ġewx preżentati rapporti tal-laqgħat ta' kumitati jew sotto kumitati.

## 44.9 Kunsiderazzjonijiet u Approvazzjonijiet tal-Iskeda tal-Pagamenti

L-Iskeda tal-pagamenti u Petty Cash ġew diskussa, emendati u approvati.

Skeda ta' pagament: Proponent: Is-Sur Kursten Dimech u Sekondant: Is-Sur Gianluca Falzon.

## 44.10 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera

**44.10.1** Dott. Carabott staqsa żewġ mistoqsijiet liema tweġiba tagħhom hija annessa bħala Dok. 'A'.

## 44.11 Ilmenti

**44.10.1** Il-Kunsill iddiskuta l-ilmenti li hemm pendenti fis-sistema minn numru 966.

| | |
|---|---|
| 966 | Ħaddiema Assenjati |
| 977 | Ħaddiema Assenjati |
| 986 | Transport Malta |
| 988 | Ma tistax issir |
| 989 | Infrastructure Malta |
| 993 | Contracts Manager |
| 1001 | B. Grima & Sons |
| 1002 | Ikun identifikat fejn |
| 1008 | Logografix |
| 1017 | Transport Malta |
| 1019 | Ħaddiema Assenjati |
| 1020 | B. Grima & Sons |
| 954 | Transport Malta |

### 44.11.1.1 Ilmenti Preċedenti

| | |
|---|---|
| 837 | Mica Med |
| 872 | Mica Med |
| 934 | Jibqa kollox kif inhu |

## 44.12 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa intemmet fid-8.30pm u ġiet aġġornata għall-24 ta' Jannar 2022 fis-6.30pm.

Stephen Sultana
Sindku

Michael Mifsud
Deputat Segretarju Eżekuttiv

Ikkonfermati llum 24 ta' Jannar, 2022